Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 04/16

**AVVIŻI**

**24 ta' Jannar 2016**

Nhar l-Erbgħa sa jsir it-tindif taċ-Ċentru Parrokkjali mit-8.30am 'il quddiem. L-għajnuna ta' kull wieħed u waħda minnkom tkun apprezzata.

Nhar il-Ġimgħa jibdew il-Kwaranturi – Ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika – minn wara l-quddiesa tas-6.15am sas-6pm. Il-quddiesa ta' filgħaxija tkun bi ħsieb qasir fuq l-Ewkaristija. Il-ħin tas-Sibt ikun l-istess. Tkun ħaġa sabiħa li kulħadd isib ftit minuti biex jgħaddihom ma' Ġesù f'dawn il-jiem.

Il-Ħadd Festa tan-Nawfragju ta' San Pawl. Ikollna quddiesa oħra fid-9.30am fil-kappella ta' San Pawl Milqi. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni b'Ġesu Sagramentat sal-Knisja fejn tkompli l-Adorazzjoni sa filgħaxija. Għal din l-okkazzjoni għandhom ikunu preżenti t-tfal kollha li sa jirċievi s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

Sa jibdew il-preparazzjonijiet għad-dramm tal-Passjoni ta' Ġesù li jittella' fir-Randan. Min jixtieq jieħu sehem għandu jħalli ismu fis-sagristija. Iż-żmien huwa limitat minħabba li l-Għid ġej kmieni għalhekk sal-aħħar ta' Jannar għandu jkollna l-ismijiet kollha.

Matul il-jiem li ġejjin jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja. Għal aktar informazzjoni araw l-avviż fin-*noticeboard* jew fuq is-sit tal-Kurja.